MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2013

Citazzjoni Numru. 759/2011

**Charles Gravina ID No 132567(M)**

***kontra***

**Adrian Muscat kemm f`ismu propju u ezercenti l-kummerc taht l-isem ta` Adrian Muscat Auto Dealer**

**Il-Qorti :**

## I. <u>Preliminari</u>

Rat ir-rikors guramentat prezentat fil-<u>5 ta` Awissu 2011</u> li jaqra hekk:

*Illi l-esponenti xtara vettura Toyota Rav 4 estate bin-numru ABT-994 minghand l-intimati nomine bil-prezz ta` ghaxart elef euro (euro 10,000) u dan il-bejgh sar fit-22 ta` Frar 2011 ;*

*Illi l-esponenti nefaq immedjatament meta sar il-bejgh tlett mija sebgha u tletin euros (337 euros) bhala insurance, u elf euro (euros 1,000) bhala parking sensors, ir-roti u l-istereo godda kif ukoll wiehed u disghin euro (euro 191) bhala service ;*

*Illi ftit wara li ha l-vettura minghand l-intimati nomine l-esponenti beda jinduna li kien qieghed iqattar iz-zejt l tixhel il-bozza tal-magna li jfisser li hemm il-hsara fil-gearbox u tirrevja eccessivament ;*

*Illi kien l-istess intimati li hallsu l-mekkanik fil-25 ta` Frar 2011 talli sewwa l-problema taz-zejt li kien qieghed iqattar ;*

*Illi minkejja din it-tiswija xorta baqghet tixghel il-bozza l-hamra tal-magna ;*

*Illi l-esponenti kellu bilfors jiehu l-vettura ghand l-agent tat-Toyota gewwa Malta jigifieri ghand Michael Debono Limited fejn wara li sar inspection irrizulta li din il-vettura ghandha `l fuq minn sebat elef euros (euros 7000) spejjes ;*

*Illi b`tali difetti l-vettura ma tistax tinsaq minhabba l-problemi mekkanici kbar li ghandha ;*

*Illi tali difetti ghalhekk jaghtu lok ghall-eezercizzju tal-actio redhibitoria da parti tal-esponenti ;*

*Jitlob lill-intimati nomine jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti :*

*1. M`ghandux jigi dikjarat u deciz minn din il-Qorti li jezistu difetti mohbija u latenti fl-imsemmija vettura Toyota Rav estate numru ABT-994 ;*
*2. M`ghandux tiddikjara r-rexxissjoni tal-kuntratt ta` bejgh tal-istess vettura datata 22 ta` Frar 2011 ;*

*3. M`ghandhomx konsegwentement l-intimat u l-intimat nomine jigu kkundannati minn din il-Qorti jirrifondi lir-rikorrenti s-somma ta` ghaxart elef euros (10,000) rapprezentanti l-prezz tal-vettura mhallas mir-rikorrenti lill-intimat ;*

*Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data tat-22 ta` Frar 2011 tal-pagament maghmul mir-rikorrenti lill-intimati sal-effettiv pagament u restituzzjoni kontra l-intimati u l-ispejjez tal-ittra ufficjali u b`rizerva ta` kull azzjoni spettanti lir-rikorrenti kontra l-intimati li huma ngunti personalment ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-attur.

Rat ir-risposta guramentata prezentata fil-<u>25 ta` Novembru 2011</u> li taqra hekk –

*1. Illi l-vettura tat-tip Toyota Rav 4 targata ABT 994 ma gietx mibjugha b`difetti mohbija u latenti kif allegat ;*

*2. Illi l-bejgh in kwistjoni huwa tal-kwalita` pattwita bejn il-partijiet ;*

*3. Illi l-allegati difetti lmentati mill-attur la huma difetti latenti u lanqas dato ma non concesso li jezisti xi difett dan qatt ma jista` jkun attribwibbli lill-intimat ;*

*4. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess attur ;*

*5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, fi kwalunkwe kaz ma jezistux l-elementi li jiggustifikaw l-actio redhibitoria ;*

*6. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-konvenut.

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tad-29 ta` Novembru 2011 fejn wara li kkostatat li min-natura tal-istanza u tal-eccezzjonijiet, il-materja in kontestazzjoni kienet ta` natura teknika, hatret lil Natalino Agius bhala espert tekniku u lill-Av. Richard Galea Debono bhala perit legali. L-espert tekniku nghata l-inkariku li jirrelata dwar materji teknici biss waqt li kwistjonijiet legali kellhom jigu trattati mill-perit legali. Idderigiet lill-periti sabiex ihejju rapport wiehed u jirrelataw wara li jisimghu l-provi kollha tal-partijiet u *occorrendo* wara li jsir ezami tal-vettura in kwistjoni.

Rat il-verbali tal-proceduri kollha kondotti mill-periti gudizzjarji, inkluzi l-provi li tressqu mill-partijiet.

Rat ir-relazzjoni tal-periti gudizzjarji li kienet prezentata fit-28 ta` Dicembru 2012 u kkonfermata minnhom bil-gurament fit-18 ta` Marzu 2013.

Rat in-nota prezentata fit-13 ta` Mejju 2013 (fol 61) fejn il-konvenut talab il-hatra ta` periti addizzjonali.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-13 ta` Mejju 2013 fejn il-konvenut talab li jeskuti lill-periti gudizzjarji.

Semghet ix-xiehda in eskussjoni tal-espert tekniku fl-udjenza tal-21 ta` Mejju 2013 (fol 63 sa fol 81).

Rat illi fl-udjenza tal-20 ta` Gunju 2013 il-konvenut irrinunzja ghat-talba ghall-hatra ta` periti addizzjonali.

Rat illi fl-istess udjenza il-partijiet talbu li l-kawza tibqa` ghas-sentenza.

Rat id-digriet taghha moghti fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghall-udjenza tal-11 ta` Lulju 2013.

Rat id-digriet taghha *in camera* tal-24 ta` Gunju 2013 fejn irrikjamat il-kawza sabiex taghti s-sentenza fl-udjenza tal-lum.

Rat l-atti tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

**II.** **<u>Ix-xiehda tal-partijiet</u>**

**<u>Fis-sostanza</u>**, il-verzjoni tal-attur kienet din :

Fit-22 ta` Frar 2011, huwa xtara minghand il-konvenut vettura *automatic* Toyota Rav 4 *second hand* bin-numru ta` registrazzjoni ABT 994 ghall-prezz ta` €10,000. Il-prezz thallas kollu (ara fol 20 sa fol 23). Wara li ha konsenja tal-vettura, induna li kienet qeghda toqtor iz-zejt u nforma lill-konvenut. Dan baghtu ghand *mechanic* biex jara x`kien jehtieg isir u hallas il-konvenut. L-istess *mechanic* ghamel *service* tal-vettura, spejjez tal-attur. Wara li l-vettura regghet lura ghandu, l-attur innota li l-bozza tal-*engine check* kienet qeghda tixghel u titfi. Innota wkoll illi kif idahhal id-*drive*, il-magna bdiet tirrevvja fil-vojt u ma timxix. Il-problema kienet intermittenti fis-sens illi daqqa tigi u daqqa le. Rega` hadha ghand il-*mechanic*. Wara xi zmien il-*mechanic* qallu li meta saq il-vettura hu, kienet tajba. Rega` ha l-vettura izda l-problema kompliet. Baqa` jmur ghand il-*mechanic* sa hames darbiet b`dan sa fl-ahhar ighidlu li l-bicca ma kenitx aktar ta` idejh. Ghalhekk l-attur ha l-vettura ghand Michael Debono Limited li huwa l-agent tat-Toyota fil-Gzejjer taghna. Dawn ghamlu *diagnostic test* (fol 56). Il-vettura llum tinsab *formalment* depozitata taht l-awtorita` tal-qorti ghalkemm tinsab *attwalment* f`garage taz-ziju tieghu.

**<u>Fis-sostanza</u>**, il-verzjoni tal-konvenut kienet din :

Il-vettura in kwistjoni kienet ilha ghaxar snin fit-triq u hu kien xtraha minghand Ray Autodealer ta` Haz-Zebbug. It-transfer sar minn Ray Autodealer fuq l-attur. L-attur hallas €9,900 tal-vettura mhux €10,000 ghax kellha barxa fil-bumper. L-attur ilmenta mit-tqattir taz-zejt xi gimgha wara li ha l-karozza. Marret ghand il-*mechanic* li sewwa s-*seal* tal-i*steering*. Il-konvenuta nkorra l-ispejjez. Mieghu l-attur ma lmentax dwar il-*warning light.* Xi tliet xhur wara, iltaqa` mal-attur li qallu li qabel dik il-karozza ma kien qatt saq vettura *automatic* u li waqt li kien qed isuq minn *drive* dahhal *reverse*. Wissa lill-attur biex ma jaghmilx hekk ghax inkella ssir il-hsara. In segwitu, l-attur ilmenta dwar il-*gearbox* fis-sens illi waqt li jkun ghaddej il-vettura kienet qeghda taqta` *free* wahedha.

**Ikkunsidrat :**

**III. <u>Il-perizja teknika</u>**

Il-kostatazzjonijiet teknici huma spjegati b`dettall (ara fol 43 et seq) f`dokument li huwa anness mar-relazzjoni kongunta. Fir-relazzjoni, hemm sunt ta` dawn il-kostatazzjonijiet (fol 40) u jinghad hekk –

… *il-vetturi tal-ghamla RAV4 bhal dik in kwistjoni illi jsofru mill-manifestazzjonijiet segwenti lkoll riskontrati mill-attur jifformaw parti minn grupp ta` vetturi illi l-istess manifattur Toyota ammettiet illi dawn ghandhom hsara f`dak li jissejjah l-ECM (electronic control module) computer, liema hsara jew `fault` timpedixxi lill-istess computer milli jiggenera s-sinjal opportun lejn ilk-partijiet mekkanici tat-`transmission` sabiex dawn jiffunzjonaw bil-mod korrett. Fost is-sintomi rikonoxxuti ta` dan il-`fault` hemm is-segwenti :*

- *Dak li jissejjah `hard engagement` meta s-sewwieq ikun irid isuq bir-reverse ;*

- *Meta taqla` minn posizzjoni stazzjonarja, il-vettura ma taqlax fuq il-first gear, kif inhu normali, izda taqla` fuq gear oghla bhal ma hu s-second u iktar komunement it-third gear ;*

- *Minhabba l-precedenti okkorrenza, il-vettura tinhass tqila biex taqla` minn posizzjoni stazzjonarja ;*

- *Il-problema mhix kontinwament prezenti, izda generalment tinhass meta l-makna tkun lahqet sahnet ; dan ghalhekk jindika illi min imur*

*`test drive` ta` kwarta jew ghoxrin minuta, mhux ser jirrikontra dan il- problema ;*

- *Id-dawl maghruf bhala `check engine light` jibqa` mixghul, u jekk issir scan tal-ECM computer, dan jirrizulta li jew ma juri l-ebda `codes` jew inkella `codes` foloz f`dak li jirrigwarda il-`commands` tas-`solenoid`.*

*Minhabba illi l-ECM computer ikun qed jibghat sinjali skorretti, it-transmission tibqa` topera b`mod mhux sinkronizzat u bi tbatija. Ir-rizultat ta` dawn huwa illi l-plates tat-transmission jitherrew f`qasir zmien, u din il-hsara, mhux talli takkadi fi ftit zmien imma hija rreparabbli. L-unika soluzzjoni trid bilfors tkun it-tibdil komplet tat-transmission u tal-ECM computer.*

*… dan hu konfermat anke mill-agenmt Malti tat-Toyota illi kemm it-transmission kif ukoll l-ECM computer fuq il-vettura in kwistjoni jridu jinbidlu.*

**Ikkunsidrat :**

**IV. <u>Il-piz probatorju</u>**

Il-perit tekniku wiegeb ghal domandi in eskussjoni fl-udjenza tal-21 ta` Mejju 2013 (ara minn fol 63 sa fol 81).

Fis-**<u>sostanza</u>**, il-perit tekniku kkonferma l-kostatazzjonijiet tieghu kif jirrizultaw fir-relazzjoni peritali u kompla jinsisti fuq l-attendibilita` tal-kostatazzjonijiet tieghu.

Ghalkemm wara li nhalef ir-rapport peritali l-konvenut ipprezenta nota skond il-ligi fejn talab il-hatra ta` periti addizzjonali, wara li saret l-eskussjoni, u precizament fl-udjenza tal-20 ta` Gunju 2013, il-konvenut irrinunzja ghall-hatra ta` periti addizzjonali u filwaqt li rrimetta ruhu ghall-provi kollha akkwisiti talab li l-kawza tibqa` ghas-sentenza (ara fol 83).

Fis-sentenza taghha tad-19 ta` Novembru 2001 fil-kawza **"<u>Calleja vs</u> <u>Mifsud</u>"**, il-Qorti tal-Appell qalet hekk –

*Kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tieghu jikkostitwixxu skond il-ligi prova ta` fatt li kellhom bhala tali jigu meqjusa mill-Qorti. Il-Qorti ma kenitx obbligata li taccetta r-rapport tekniku bhala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif setghet tiskarta kull prova ohra. Mill-banda l-ohra pero', huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jinghata piz debitu lill-fehma teknika ta' l-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma kellhiex leggerment tinjora dik il-prova. Hu manifest mill-atti u hu wkoll sottolinejat fir-rikors ta' l-appell illi l-mertu tal-prezenti istanza kien kollu kemm hu wiehed ta' natura teknika li ma setax jigi epurat u deciz mill-Qorti minghajr l-assistenza ta' espert in materja. B'danakollu dan ma jfissirx illi l-Qorti ma kellhiex thares b'lenti kritika lejn l-opinjoni teknika lilha sottomessa u ma kellhiex tezita li tiskarta dik l-opinjoni jekk din ma tkunx wahda sodisfacentement u adegwatament tinvesti l-mertu, jew jekk il-konkluzjoni ma kenitx sewwa tirrizolvi l-kwezit ta' natura teknika.*

In linea ta` principju, ghalkemm qorti mhix marbuta li taccetta l-konkluzjonijiet ta` perit tekniku kontra l-konvinzjoni taghha (*dictum expertorum numquam transit in rem judicata*), fl-istess waqt dak *ma jfissirx pero` illi qorti dan tista' taghmlu b' mod legger jew kapriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b' ragunijiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta` l-aspett tekniku tal-materja taht ezami* ("**<u>Grima vs Mamo et noe</u>"** **–** Qorti tal-Appell – 29 ta' Mejju 1998)**.**

*Jigifieri qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konkluzjoni ta` tali relazzjoni ma kienetx gusta u korretta. Din il-konvinzjoni*

*pero` kellha tkun wahda motivata minn gudizzju ben informat, anke fejn mehtieg mil-lat tekniku.* ("**Cauchi vs Mercieca" –** Qorti tal-Appell – 6 ta' Ottubru 1999 **; "Saliba vs Farrugia**" – Qorti tal-Appell – 28 ta' Jannar 2000 u "**Calleja *noe* vs Mifsud**" – Qorti tal-Appell – 19 ta` Novembru 2001).

Il-*giudizio dell`arte espress mill-perit tekniku ma jistax u ma ghandux, aktar u aktar fejn il-parti nteressata ma tkunx ipprevaliet ruhha mill-fakolta` lilha moghtija ta' talba ghan-nomina ta` periti addizzjonali, jigi skartat facilment, ammenokke` ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkluzjonijiet peritali huma, fil-kumpless kollha tac-cirkostanzi, irragonevoli*" – ("**Bugeja *et* vs Muscat et" –** Qorti tal-Appell – 23 ta` Gunju 1967).

**Ikkunsidrat :**

**V. Dritt**

**L-Art.1424 tal-Kap.16** jaqra hekk –

*Il-bejjiegħ hu obbligat jagħmel tajjeb għad-difetti li ma jidhrux tal-ħaġa mibjugħa illi jagħmluha mhux tajba għall-użu li għalih hija maħsuba, jew li jnaqqsu daqshekk il-valur tagħha illi x-xerrej ma kienx jixtriha jew kien joffri prezz iżgħar, li kieku kien jaf bihom.*

Id-disposizzjoni ta` wara u cioe` l-**Art.1425** tghid hekk –

*Il-bejjiegħ ma jweġibx għad-difetti li jidhru, illi x-xerrej seta' jsir jaf bihom wahdu.*

Fil-kawza tal-lum, il-konvenut ma ressaq l-ebda eccezzjoni fejn invoka l-applikazzjoni tal-Art 1425.

Bis-sahha tal-**Art.1427**, il-ligi taghti lix-xerrej ghazla ta` zewg azzjonijiet illi jista` jiehu kontra l-bejjiegh : l-azzjoni redibitorja jew l-azzjoni stimatorja. Fil-kaz tal-lum, l-attur ghazel l-ewwel azzjoni u cioe` l-*actio redhibitoria*, li skond l-istess **Art.1427** tfisser illi x-xerrej jaghzel li *jaghti lura l-haga u jitlob ir-radd tal-prezz.*.

Il-ligi taghti lix-xerrej terminu biex jagixxi kemm jekk jaghzel l-*actio redhibitoria* kemm jekk imur ghall-*actio aestimatoria.* F`dan ir-rigward, l-**Art.1431** ighid hekk –

*(1) L-azzjoni redibitorja u l-azzjoni stimatorja jaqgħu bil-preskrizzjoni, għal dawk li huma immobbli, bl-egħluq ta' sena minn dak in-nhar tal-kuntratt, u, għal dawk li huma ħwejjeġ mobbli, bl-egħluq ta' sitt xhur minn dak in-nhar tal-kunsinna tal-ħaġa mibjugħa.*

*(2) Iżda, jekk ma setax ikun li x-xerrej jikxef id-difett li ma jidhirx tal-ħaġa, iż-żminijiet hawn fuq imsemmija tal-preskrizzjoni ma jibdewx igħaddu ħlief minn dak in-nhar li seta' jkun li hu jikxef dak id-difett …*

Fil-kawza tal-lum, il-konvenut ma ressaq l-ebda eccezzjoni fejn invoka l-preskrizzjoni skond l-Art 1431.

Hemm imbaghad l-**Art.1429(1)** li jaqra hekk –

*Jekk il-bejjiegħ kien jaf bid-difetti tal-ħaġa mibjugħa, hu obbligat mhux biss li jrodd il-prezz li jkun irċieva iżda wkoll li jħallas id-danni lix-xerrej.*

Ghalkemm fit-tieni paragrafu tar-rikors guramentat, l-attur isemmi spejjez li jghid illi nefaq fil-vettura apparti l-prezz, ma ressaq l-ebda talba ghall-hlas ta` danni skond l-

Art 1429(1) u kwindi kwalsiasi riferenza jew dokument relatati ma` dawn l-ispejjez mhijiex rilevanti meqjusa l-impostazzjoni tat-talbiet attrici.

**Ikkunsidrat :**

## VI. <u>Gurisprudenza</u>

L-elementi tal-azzjoni tentata mill-attur fil-kawza tal-lum kienu trattati b`reqqa fis-sentenza ta` din il-Qorti (**<u>PA/JRM</u>**) tas-27 ta` Ottubru 2005 fil-kawza "**<u>Micallef vs Debattista et</u>**" (li ma kenitx appellata). Hemm inghad hekk –

*Illi l-elementi tal-azzjoni …maghzula mill-attrici jikkonsistu (a) f'bejgh format ta' haga milquta b'difett li jkun (b) gravi u serju, li (c) jkun mistur, u (d) li jkun diga' jezisti fil-waqt tal-bejgh. Biex jista' jinghad li d-difett ikun serju, irid jew ikun tali li, minhabba fih, il-haga mixtrija ma tibqax aktar tajba ghall-ghan li ghalih inxtrat (dan jissejjah difett gravvi oggettiv) jew inkella d-difett ikun tali li, kieku x-xerrej kien jaf bih, ma kienx ihallas ghall-haga daqskemm fil-fatt ikun hallas biex kisibha (dan jissejjah difett gravi oggettiv). X'aktarx li ghall-finijiet tal-azzjoni redibitorja, id-difett irid ikun oggettivament ettivament serju. Difett ikun mohbi meta xerrej ta' dehen ordinarju li jaghmel ezami ghaqli tal-haga mixtrija bil-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja, ma jkunx jew ma kienx f'qaghda li jista' jintebah bih fil-waqt tax-xiri. Izda jekk difett ikun wiehed li jista' jidher jekk isir ezami xieraq, ma jibqax aktar difett mistur, ukoll jekk, mad-daqqa t'ghajn, ma jkunx jidher. B'mod partikolari, xerrej ma jistax jilghabha tal-injorant fit-teknika jew fil-kumplessita' tal-haga mixtrija biex jehles mill-obbligu li jifli b'ghaqal il-haga minnu miksuba. Kemm hu hekk, jekk xerrej m'ghandux il-hila li jifli sewwa l-haga mixtrija, ghandu jdur ghall-ghajnuna ta' persuna midhla jew imharrga f`dak l-oggett ;*

*Illi jaqa’ fuq il-parti attrici li tipprova li l-haga mibjugha kienet milquta minn difett mohbi fil-waqt tal-ftehim, u daqstant iehor trid turi li d-difett kien tassew wiehed mohbi. Il-fatt li l-bejjiegh ma jkunx huwa wkoll jaf li l-haga hija milquta b’difett li ma jidhirx ma jnaqqas xejn mill-obbligu tieghu li jiggarantixxi l-haga mibjugha. Izda jekk jintwera li huwa kien jaf bih u ma tkellimx, ikun irid jaghmel tajjeb ukoll ghad-danni li jkun garrab ix-xerrej minhabba f’dak is-skiet tal-bejjiegh. Il-bejjiegh ibati t-telf tal-haga jekk din tinqered minhabba d-difett, sakemm il-qerda ma ssehhx b`axccident jew minhabba l-fatt tax-xerrej f`liema kazi t-telf ibatih l-istess xerrej ;*

*Illi jitqies bhala “difett” kull abnormalita’, imperfezzjoni, ksur jew avarija li tnaqqas mill-haga mibjugha l-uzu shih li kienet mahsuba li twettaq. Min-naha l-ohra, huwa redibitorju dak id-difett li jolqot* ***b’mod rilevanti*** *jew il-mod kif il-haga mixtrija tahdem jew taqdi jew il-prezz taghha ;*

*Illi huwa stabilit li l-pretensjonijiet redibitorji jridu jitqanqlu b`azzjoni apposta fiz-zmien moghti mil-ligi u ma jistghux jitqajmu bhala eccezzjoini ghal azzjoni mill-bejjiegh ghall-hlas tal-prezz. Minhabba dan, meta x-xerrej jaghzel bejn l-azzjoni redibitorja u dik estimatorja, ma jistax iressaqhom flimkien, jew, wara li jkun ghazel wahda, idur ghall-ohra …*

*Illi r-radd lura lill-bejjiegh tal-haga mixtrija misjuba difettuza huwa rekwizit krucjali ghas-success tal-azzjoni redibitorja, u huwa l-element li jaghraf dik l-azzjoni mill-azzjoni estimatorja (vel quanti minoris) fejn ix-xerrej ikun qieghed jippretendi biss it-tnaqqis fil-prezz u mhux it-thassir tal-kuntratt. Dwar dan inghad mill-Qrati taghna (App. Civ. 6.10.2000 fil-kawza fl-ismijiet Busietta noe vs Borg Cardona et noe – Kollez. Vol. LXXXIV.ii.1085) li “Fondamentali … hu l-principju li actio redhibitoria kienet timponi fuq il-kompratur li jaghti lura l-haga u cioe` r-restituzzjoni ta` l-oggett mixtri mill-venditur u kontestwalment li jitlob ir-radd tal-prezz. Fil-verita` allura l-kompratur ma kellux id-dritt li jibqa` jzomm l-oggett f`idejh u jirrilaxxja biss lill-venditur meta dan iroddlu l-*

*prezz tieghu. Hu kellu l-obbligu li minnufih appena jirrifjuta l-oggett mibjugh ghaliex ikun irriskonta d-difett latenti jaghti lura l-haga lill-venditur" ;*

*Illi l-harsien ta' dan l-obbligu tax-xerrej (ladarba jkun ghazel li ma jridx l-oggett) jaf il-htiega tieghu ghall-fatt li l-effett tal-azzjoni redibitorja huwa wiehed li jhassar in-negozju u li jerga' jqieghed lill-partijiet fl-istess qaghda li kienu qabel intlahaq il-ftehim. Dan jinghad ghaliex l-oggett ikun*
*irid jintradd lura fl-istess kundizzjoni u stat (ukoll jekk diga' milqut b'difett jew nuqqas) li kien meta ntlahaq il-ftehim. Ghalhekk, jekk kemm-il darba l-haga ddum f'idejn ix-xerrej u tilhaq titgharraq, ma jkunx jista' jintlahaq l-ghan tar-rexissjoni. Dan jinghad b'qawwa akbar jekk it-tgharriq isehh bil-fatt tal-imgiba tax-xerrej ;*

*Illi din hija wahda mir-ragunijiet ghaliex il-ligi taghti zmien perentorju relativament qasir biex wiehed iressaq azzjoni dwar il-garanzija ;*

**Ikkunsidrat :**

**VII. <u>Il-fehma tal-perit legali</u>**

Il-fehma tal-perit legali tinsab artikolata fir-relazzjoni a fol 41 et seq. *Inter alia* il-perit legali jghid hekk –

*Mill-mod kif iddeskriva l-problema l-perit tekniku, u mir-rizultanza illi trid tinbidel il-gearbox bi spiza li hija 70% tal-prezz tal-karozza kif mixtrija seconda mano, ftit jista` jkun hemm dubbju illi d-difett riskontrat huwa wiehed ta` gravita sufficjenti sabiex jikkwalifika bhala wiehed li jirrendi l-oggett mixtri mhux tajjeb ghall-uzu li ghalih huwa mahsub. Intant anki li kieku l-ispiza tat-tiswija kienet anki ferm anqas, xorta jibqa` illi n-natura tad-difett, fejn ghandek karozza li ma tistax tinsaq sew, certament jissoddisfa l-vot tal-ligi, ghal ragunijiet ovvji, u anki minhabba l-obbligu legali li ghandu kull sewwieq illi*

*jaccerta ruhhu illi l-vettura tieghu tinsab f`kondizzjoni tajba u b`hekk ma tohloqx periklu fit-triq.*

*… Irid jinghad illi trattandosi ta` difett mekkaniku gol-intern ta` makna, gia` dan ikun normalment mohbi lil kull persuna ordinarja, sakemm dan ma jimmanifestax ruhu b`mod ovvju bhal per ezempju illi johloq hoss stram jew vibrazzjonijiet jew illi l-makna mal-ewwel turi li mhux qed tahdem tajjeb. Izda meta d-difett ikun intermittenti u mhux biss, izda jimmanifesta ruhhu biss wara li l-makna tkun lahqet certa temperatura huwa facli illi anki persuna attenta u diligenti ma tkunx tista` tinduna bil-problema qabel l-eghluq tan-negozju. Il-kaz prezenti huwa, fl-opinjoni tal-esponent, kaz li jaqa` that din il-klassifika ghaliex id-difett ma kienx wiehed facilment riskontrabbli minn persuna ordinarja, sakemm din ma kienx ikollha l-oppoirtunita` illi ssuq il-vettura ghal zmien twil sufficjentement sabiex jibda juri ruhu d-difett.*

*Ghalhekk hi l-fehma tal-esponenti illi l-attur ghandu jirnexxi fl-azzjoni.*

**Ikkunsidrat :**

## VIII. <u>Il-fehma ta` din il-Qorti</u>

Din il-Qorti qieset b`attenzjoni l-konsiderazzjonijiet li ghamel il-perit legali. Tikkondividi l-fehma illi l-vettura in kwistjoni kienet milquta minn difett gravi u serju ; mid-dokument a fol 55 jirrizulta li l-istima tal-ispiza tat-tiswija fis-27 ta` Gunju 2011 kienet ta` €7,152.05, li mbaghad nizlet ghal €6,447.01 fil-21 ta` Frar 2012 skond id-dokument a fol 23. Tabbraccja l-fehma illi d-difett kien mohbi u kien jezisti fil-waqt tal-bejgh. F`dan ir-rigward, u b`zieda ma` dak illi rrileva l-perit legali, ghandha piz notevoli l-prova kostitwita mir-ricerka li ghamel il-perit tekniku fis-sens illi barra minn Malta kien accertat illi d-difett li kellha l-vettura, bhal dik li xtara l-attur minghand il-konvenut, kien fil-fatt difett tal-manifattura ta` dak il-mudell

partikolari ta` vettura, tant illi barra minn Malta dawk li akkwistaw vettura ta` dak il-mudell u li lmentaw dwar id-difett mat-Toyota Motors barra minn Malta kienu akkomodati billi dahhlu l-vetturi taghhom lura l-fabbrika u saru t-tiswijiet li kien hemm bzonn, bla ma hadd mis-sidien tal-vetturi li lmentaw ma hallsu xejn tal-ispiza involuta biex il-vetturi jigu sewwa. Fatt li ma accennax ghalih il-perit legali izda li rrizulta, u li din il-Qorti taghtih piz ghas-success tal-azzjoni attrici, hija l-prova li wara li kienet accertata l-gravita` tad-difett, l-attur iddepozita l-vettura taht l-awtorita` tal-qorti. Ghall-kwalita` tal-azzjoni li ghazel, kien vitali ghall-attur li jaghmel dak il-pass. Ghalkemm ic-cedola ma kenitx esebita, il-prova tad-depozitu mhijiex kontestata mill-konvenut, kif lanqas mal-konvenut ressaq eccezzjoni li tolqot din il-kwistjoni.

**Ikkunsidrat :**

## IX. <u>It-talbiet</u>

### A. <u>L-ewwel talba</u>

Billi jirrizultaw l-elementi tal-**<u>Art.1424</u>** tal-Kap.16, din il-Qorti qeghda **<u>tilqa` l-ewwel talba</u>**.

### B. <u>It-tieni talba</u>

Billi huma sodisfatti r-rekwiziti tal-**<u>Art 1427</u>** tal-Kap. 16, din il-Qorti qeghda **<u>tilqa` t-tieni talba</u>**.

### C. <u>It-tielet talba</u>

Fil-konkluzjonijiet tieghu, il-perit legali rrakkomanda (fol 42) *l-likwidazzjoni tas-somma ta` ghaxart elef euro (€10,000) bhala s-somma dovuta lill-attur u dan bl-imghaxijiet kif mitlubin mid-data tar-rikors guramentat.*

Skond l-Art 1427, fl-azzjoni redibitorja, ix-xerrej jitlob ir-radd tal-prezz. Jirrizulta mid-dokument a fol 20 datat 15 ta` Frar 2011 li l-prezz tal-vettura kellu jkun €10,000 li minnhom thallsu €500 bhala depozitu. Id-dokument huwa ffirmat miz-zewg partijiet. Jirrizulta mid-dokument ta` wara u cioe` dak a fol 21 datat 17 ta` Frar 2011 illi l-prezz rega` kien indikat fl-ammont ta` €10,000 li minnhom thallsu €3,000 bhala depozitu biex b`hekk kien fadal bilanc ta` €7,000. Anke dan id-dokument huwa ffirmat miz-zewg partijiet. Apparti dawn iz-zewg dokumenti tressaq ukoll it-tielet dokument a fol 22 datat 22 ta` Frar 2011 u cioe` id-data li l-attur stess indika bhala d-data tal-bejgh fejn il-prezz ma baqax €10,000 izda sar €9,900. U kien f`din l-ahhar data li l-prezz thallas kollu. Anke dan l-ahhar dokument huwa ffirmat miz-zewg partijiet. Il-konvenut jispjega r-riduzzjoni fil-prezz ghar-raguni li l-bumper tal-vettura kellu barxa u ghalhekk l-attur hallas €100 inqas. Il-konvenut accetta.

Fic-cirkostanzi din il-Qorti hija tal-fehma illi l-prezz finali tal-vettura kien €9,900 kif jirrizulta mid-dokument a fol 22. Ghalhekk din il-Qorti mhijiex taqbel mal-perit legali.

**Din il-Qorti qeghda ghalhekk tilqa` t-tielet talba <u>limitatament</u> sal-figura ta` €9,900**.

## D. <u>L-imghax</u>

L-attur qieghed jippretendi hlas ta` imghax mit-22 ta` Frar 2011 u cioe` mid-data tal-ftehim tal-bejgh. Din il-pretensjoni mhijiex fondata stante li r-radd jikkonsisti fit-twettieq ta` obbligazzjoni civili mhux kummercjali.

Il-perit legali jghid illi l-imghax ghandu jiddekorri mid-data tar-rikors guramentat. Din il-Qorti hija tal-fehma illi huwa aktar korrett illi l-imghax jibda jiddekorri mid-data

tan-notifika tal-konvenut bir-rikors guramentat u cioe` l-10 ta` Novembru 2011 ghaliex ghalkemm l-attur jirreferi ghal ittra ufficjali, la ndika d-data taghha u wisq anqas ipprezenta kopja taghha sabiex tigi accertata n-notifika taghha, kwindi l-interpellazzjoni ufficjali tal-konvenut ghall-pagament pretiz mill-attur sar bin-notifika tal-konvenut tar-rikors guramentat.

**Decide**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi –**

**Tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut kif imharrek.**

**Tilqa` l-ewwel u t-tieni talbiet tal-attur.**

**Tilqa` t-tielet talba tal-attur limitatament billi tikkundanna lill-konvenut kif imharrek sabiex irodd lill-attur is-somma ta` disat elef u disa` mitt Ewro (€9,900) prezz tal-bejgh tal-vettura Toyota Rav 4 Nru ABT 994, bl-imghax legali b`effett mill-10 ta` Novembru 2011 sad-data tal-effettiv pagament.**

**Tikkundanna lill-konvenut kif imharrek sabiex ihallas l-ispejjez kollha ta` din il-kawza.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------